# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IS-SEBA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 58

Data tal-laqgħa: 24 t' Ottubru, 2018

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar l-Erbgħa,* 24 t' Ottubru *2018 fis-6.30p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Ġiljan Aquilina |
| Kunsillieri | Christopher Fenech |
| | Carl Grech |
| | Mark Azzopardi |
| Assenti b'Apoloġiji | Mario Gauci |
| Ambaxxatur Żagħżugħ | Victoire Muscat |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

Il-laqgħa bdiet fis-6.50p.m. billi ntqalet it-talba.

**58/01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**58/01/01** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Viċi Sindku Mario Gauci talab li jiġi skużat. Is-Sur Aquilina ippropona li l-Kunsill jilqa' din l-apoloġija. Il-Kunsill qabel unanimament.

**58/02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 57**

**58/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**58/02/02** **Para 57/02/02:** Il-Kunsill gie infurmat li Transport Malta qablet li l-*Bus Stop* ta' Triq Stiefnu Żerafa għandu jmur lura fil-post oriġinali tiegħu.

**58/02/03** **Para 57/02/03:** Fuq l-attività kommemorattiva sabiex jiġi mfakkar is-Superjur tal-M.U.S.E.U.M. is-Sur Guido Tanti u biex issir ir-rħama ġewwa l-M.U.S.E.U.M, is-Sindku spjega li talba tagħna ma ntlaqatx mis-Soċjetà tal-M.U.S.E.U.M. Għaldaqstant, is-Sur Mark Azzopardi ssuġġerixxa li nsibu post ieħor jew nagħtu isem lil xi post eżempju: Librerija Guido Tanti.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**58/02/04** **Para 57/02/04:** Is-Sindku spjega li tpoġġew bins ġodda fit-Triq Għaxqet l-Għajn.

**58/02/05** **Para 57/02/05:** Is-Sindku qal li s-sistema ta' *traffic lights* fi Triq il-Ġnien bdiet taħdem. Il-Kunsill diġà informa lil Transport Malta u fil-ġranet li ġejjin ħa jsiru t-tabelli.

**58/02/06** **Para 57/02/06:** Is-Sindku qal li CCTV cameras HD għal Ġnien il-Paċi saru. Is-Sur Christopher Fenech spjega li għandhom jeħlu *stickers* mal-Ġnien kollu ħalli n-nies ikunu infurmati.

**58/02/07** **Para 57/02/07:** Is-Sur Aquilina spjega li Malta Textile Recycling qed tiġbor ħwejjeġ għar-riċiklaġġ.

**58/02/08** **Para 57/02/09:** Is-Sur Aquilina qal li s-saqaf ġdid għal gazebo li tinsab fi Ġnien il-Paċi ħa jsir mis-Sur Salvu Fenech. Kien hemm qbil unanimu.

**58/02/09** **Para 57/02/10:** Is-Sindku qal li l-Kunsill għamel kuntatt ma' Sur Sebio Aquilina (Audiovisual Production) rigward ir-ritratti li ħa jintużaw għal *information panel* li ħa ssir f'Misraħ il-Knisja. Barra minn hekk, is-Sur Fenech qal li hu wkoll għamel kuntatt miegħu.

**58/02/10** **Para 57/02/11:** Is-Sur Aquilina spjega li l-bankina fi Triq San Ġwann ħa ssir minn Road Servicing Ltd fil-ġranet li ġejjin.

**58/02/11** **Para 57/02/13:** Il-Kunsill għamel kuntatt mar- residenti iżda dawn ma xtaqux li l-u-bar tkun *fixed*. Ġie deċiż li jibqa' kollox kif inhu.

**58/02/12** **Para 57/03/01:** Is-Sindku qal li fl-iskeda tal-ġbir tal-iskart nhar ta' Erbgħa mhux ħa tibqa' tinġabar il-borża s-sewda u li nhar ta' Tnejn, Erbgħa u Ġimgħa ħa tibda tinġabar il-borża l-bajda wkoll. Il-membri tal-bord ta' evalwazzjoni għat-*Tender for the Collection of Mixed Household Waste and Organic Waste* ħa jkunu s-Sur Giljan Aquilina, is-Sur Carl Grech u ser nickejaw jekk is-Sur Mario Gauci jaccetax li joqghod ukoll (voting). Filwaqt li s-Sur Christopher Fenech u SE (non-voting).

**58/02/13** **Para 57/03/02**: Is-Sindku qal li din is-sena, il-*Halloween Party* ġewwa s-Searchlight Battery mhux ħa jsir.

**58/02/14** **Para 57/03/05:** Is-Sur Aquilina spjega li l-kaxex tal-parkeġġ fi Triq Karmnu Zarb li kellhom jinżlu ftit l-isfel għadhom ma sarux.

**58/02/15** **Para 57/03/06:** Is-Sindku qal li l-Kunsill irċieva petizzjoni minn residenti li joqgħodu fi Triq il-Wieħed u Tletin ta' Marzu. Dawn ir-residenti qed jitolbu li l-venda ma tibqax f'din it-triq u li terġa' tmur lura fejn kienet qabel b'effett immedjat. Is-Sindku qara l-petizzjoni u qal li hu jisimpatizza ma' dawn ir-residenti u jisugerixxi li l-buses jibqghu ghaddejin u ma joqghodux jieqfu la Triq 31 ta' Marzu u lanqas fil-pjazza. Ghalhekk kien hem qbil li ha niktbu lil Transport Malta sabiex il-karozzi tal-linja jibdew jiġu fil-ħin u jibqgħu għaddejjin. Is-Sur Mark Azzopardi spjega li l-venda mhix posta fil-Pjazza għax toħloq periklu u konġestjoni fuqhekk kien hem qbil ukoll. Ġie deċiż li nitolbu laqgħa urġenti ma' Transport Malta.

**58/02/16** **Para 57/05/04:** Is-Sur Aquilina qal li l-*fence* u *welding* li kellu jagħmel il-Muzzan fi Triq Għaxqet l-Għajn għadha pendenti.

**58/02/17** **Para 57/05/06:** Is-Sindku qal li s-siġra ħdejn id-dar jisimgħa "White House" fi Triq San Ġwann trid tinżabar iktar ta' spiss. Barra minn hekk, hemm bżonn li tinżabar il-*bougainvillea* ta' Triq il-Wieħed u Tletin ta' Marzu u s-siġra li hemm faċċata ta' Sqaq numru 3 fi Triq Mons. Luigi Catania. Il-Kunsill qabel li ngħidu lill-ħaddiema tal-ELC.

**58/02/18** **Para 57/05/11:** Is-Sindku qal li xogħol [Quote 191220: *replace sign with reflective print, replace weather proof power supplies, in 2 different areas*] minn Smart Light Systems sar.

**58/02/19** **Para 57/05/15:** Is-Sur Aquilina spjega li s-Sur Mark Azzopardi ħa jagħżel għaxar min-nies mill-Għargħur li jistgħu jagħtu kontribut fil-ktieb li ser joħroġ ir-Reġjun Tramuntana.

**58/02/20** **Para 57/05/23:** Is-Sindku qal li l-ħaddiema tagħna naddfu l-*culverts* ta' Triq F. Zarb u ta' Triq il-Ġnien. Is-Sur Mark Azzopardi ssuġġerixxa li tinbidel it-tabella tal-ismijiet ta' toroq li hemm fil-pjazza tad-dejma u li ssir tabella ġdida ta' *no parking* fil-bidu ta' Triq F. Zarb għax ma għadhiex hemm. Il-Kunsill qabel unanimament.

**58/02/21** **Para 57/05/34:** Is-Sur Aquilina qal li r-*reserved parking* ta' ħdejn il-Każin tal-Futbol tneħħa u minflok saret kaxxa bajda.

**58/02/22** **Para 57/05/38:** Is-Sindku qal li d-*dog bin* ħdejn il-Ġnien tal-Ponta sar.

**58/02/23** **Para 57/05/40:** Is-Sindku qal li *3 flexible bollards* fi Triq Stiefnu Zerafa fejn il-bankina toħroġ ftit 'il barra saru.

**58/02/24** **Para 57/05/41:** Is-Sur Aquilina spjega li l-grada ġdida fi Ġnien il-Paċi għadha pendenti.

**58/02/25** **Para 57/05/42:** Is-Sindku qal li fuq is-suġġeriment ta' Sur Mario Gauci, li ssir *rubber hump* fi Triq Għaxqet l-Għajn (min-naħa ta' Triq il-Ġnien), din saret.

**58/02/26** **Para 57/05/43:** Is-Sur Aquilina spjega li fuq it-talba ta' Sur Mario Gauci li niktbu lil Transport Malta biex tinstab soluzzjoni biex minn joħroġ minn Triq Santa Katerina jkollu l-faċilità biex joħroġ għat-Triq tal-Balal, is-Segretarju Eżekuttiv kitbet lis-Sur M. Cohen, lis-Sur F. Azzopardi u lill-Ministru Dr Ian Borg. Is-Sur Mark Azzopardi qal li l-ikbar problema li ma jkunx hemm Warden jew Pulizija fuq il-post. Is-Sur Christopher Fenech ressaq suġġeriment li niltaqgħu mal-Infrastructure Malta u nitolbu sabiex biċċa minn Triq Santa Katerina titwessa'; Triq Katerina Sammut u Sqaq il-Ħofra jsiru bit-tarmac u biex Triq Indipendenza fejn Da Nino Trattoria tigi irangata ghal ilmijiet li jkun kull meta taghmel ix-xita.

**58/03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**58/03/01** Is-Sur Aquilina ressaq li d-dawl tat-toroq għal żmien il-Milied isir bħas-sena l-oħra. Il-Kunsill qabel unanimament.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**58/03/02** Is-Sindku informa lill-Kunsill li aktarx il-kamra ta' 27,Triq San Bartilmew ġiet mogħtija lil terzi. Il-Kunsill irċieva ittra u qeda mal-korrispondenza.

**58/03/03** Is-Sur Aquilina spjega li waqa' ħajt tas-sejjieħ fi Triq l-Isqof Gargallo u li triq ġiet perikoluża. Kien hemm qbil li dan ix-xogħol isir.

**58/03/04** Is-Sindku qal li aktarx vettura baqgħet dieħla fil-kamra tal-ħaddiema fi Triq Stiefnu Zerafa bil-konsegwenza li waqa' xi ġebel. Kien hemm qbil li dan ix-xogħol isir malajr.

**58/03/05** Is-Sur Aquilina nforma lill-Kunsill li resident li għandu garaxx fi Triq il-Kbira qed ikollu problema biex jidħol u joħroġ mill-garaxx peress li qed jipparkjawlu quddiem il-bieb. Is-Sur Christopher Fenech ressaq suġġeriment sabiex isiru żewġ *bollards* tal-plastik. Il-Kunsill qabel unanimament u s-Sindku ser jindika fejn l-aħjar li jsiru.

**58/03/06** Is-Sindku ressaq li jsir *double yellow line* temporanju fi Triq Dun S. Zarb fejn qed isir xogħol ta' kostruzzjoni peress li minn meta saret il-bankina t-triq ċkienet drastikament. Il-Kunsill qabel unanimament.

**58/03/07** Is-Sur Aquilina nforma lill-Kunsill li l-Għaqda Dwal Ġodda tixtieq li ttella' dramm flimkien mal-Kunsill biex tqajjem kuxjenza dwar is-saħħa mentali. Il-Kunsill qabel unanimament u saħaq li meta l-Għaqda Dwal Ġodda tkun qed tippromwovi din l-attività trid ssemi is-sostenn li ta' l-Kunsill Lokali.

**58/03/08** Is-Sindku spjega li r-Reġjun Tramuntana ħa jkun qed jorganizza *The Malta International Christmas Choir Festival.* Il-Kunsill talab permess lil Kappillan biex isir kunċert fil-knisja tar-raħal, il-Kappillan ma laqax it-talba tagħna peress li bejn is-7 u d-9 ta' Diċembru jkun hemm diversi funzjonijiet fil-knisja.

**58/03/09** Is-Sur Aquilina qal li f'kull lokalità numru ta' parkeġġi qed jiġu allokati minn TM għal *car sharing system*. Il-Kunsill ħa jressaq is-suġġerimenti tiegħu dwar żoni fejn jistgħu jsiru.

**58/03/10** 7:40p.m. Is-Sur Mark Azzopardi ma setax jibqa' għal-laqgħa minħabba impenji oħra.

**58/03/11** Is-Sur Aquilina qal li l-ikla tal-Milied tal-Kunsill ħa issir f'Diċembru ġewwa lukanda. Il-Kunsill qabel unanimament.

**58/03/12** Is-Sindku qal li għal darba ser isir Party tal-Milied għal anzjani organizzat mis-Sotto Kumitat Qasam Soċjali u l-Mixja sal-Għar (attività għal familja kollha) organizzata mill-Kunsill. Kien hemm qbil unanimu li jsiru.

**58/03/13** Is-Sur Aquilina nforma lill-Kunsill li ser jinħareġ fuljett ta' 8 paġni fil-bidu ta' Diċembru. Il-Kunsill qabel unanimament.

**58/03/14** Is-Sindku qal li t-titqib kontra l-influwenza ser jingħataw is-Sibt, 27 t'Ottubru fil-berġa bejn is-7:00am-10:30am.

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

**58/03/15** Is-Sindku qal li x-xogħol ta' restawr fuq barra tal-Kappella ta' San Ġwann miexi ġmielu.

**58/03/16** Is-Sur Aquilina nforma lill-Kunsill li bdew ix-xogħlijiet fi Sqaq ix-Xgħajrat permezz tal-Miżura 4.3.

**58/04** **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**58/04/01** Ma kienx hemm.

**58/05** **Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

**58/05/01** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-*Planning Authority*.

**58/05/02** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Soċjetà tal-M.U.S.E.U.M.

**58/05/03** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-*Planning Authority* – PC 0115/18.

**58/05/04** Ġiet innutata korrispondenza mir-Reġjun Tramuntana fuq: il-Victoria Lines; Dome skips / recycling skips within the region u Reġjun Tramuntana's International Folk Festival of Malta 2019.

**58/05/05** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Joe Sammut, Re: Laqgħa mal-Membri tal-Kunsill.

**58/05/06** Il-Kunsill irċieva stima mingħand Halmann [2 bollards 96mm X 20mm X 20mm in brushed finish & 2 Skilled Tiler total: €932.20]. Din l-istima ma ġietx approvata.

**58/05/07** Il-Kunsill irċieva stima mingħand Projects Implementation Directorate għal toqob fi Triq San Ġwann, Triq San Bert, Triq Għaxqet l-Għajn (ħdejn id-Duluri) total: €232.94. Kien hemm qbil unanimu li tiġi approvata din l-istima.

**58/05/08** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Charles Buhagiar – Resurfacing of John Ayde Street in Birguma.

**58/05/09** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Thomas Debono minn Transport Malta fuq il-ħsara lill-ħajt tal-knisja. Skont is-Sur Debono l-aħjar soluzzjoni hi li nimplimentaw *crash barrier*. B'hekk jekk ikun hemm xi sewwieq li jgħaddi b'mod traskurat ma jagħmilx ħsara lill-ħajt tal-knisja. Importanti li l-crash barrier ma toħrogx il-barra mill-ħajt tal-knisja għax inkella jkollna problema bit-traffiku. Jekk issir *crash barrier* għandha tipproteġi l-ħajt tal-knisja mingħajr ma jiġi ostakolat it-traffiku. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa tiltaqa' mal-Kappillan u tittieħed deċiżjoni fil-laqgħa li jmiss.

**58/05/10** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Mark Manfre' – Traffic problem and danger for Passers – by.

**58/05/11** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sa. Nathalie Zammit – Request for the shifting of Bus Stop in Triq Stiefnu Zerafa, Hal Għargħur.

**58/05/12** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-*Planning Authority* – PA/ 06159/18.

**58/05/13** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sa. Aiste Dulkyte – Action required: Parking slots in your locality for the national car sharing project / Għargħur.

**58/05/14** Ġiet innutata korrispondenza mill-Enemalta – Complaint 146 Triq Stiefnu Zerafa, Għargħur. Peress li mit-triq/bankina qed jidħol ħafna ilma fir-residenza 146 fi Triq Stiefnu Zerafa, ġie deċiż li ssir site-visit mill-Perit tal-Kunsill.

**58/05/15** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sur Natalino Attard – Tnedija tal-White Paper dwar ir-Riforma tal-Gven Lokali u proċess ta' konsultazzjoni. Il-Kunsill qabel unanimament li għandu jifforma parti minn Reġjun 1 u mhux Reġjun 2 kif propost f'din il-White Paper. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa tinforma lis-Sur Natalino Attard.

**58/05/16** Il-Kunsill irċieva kwotazzjoni ta' xogħol mingħand is-Sur Frans Zammit għal ħajt tas-sejjieħ fi Triq l-Isqof Gargallo u ħajt fi Triq Stiefnu Zerafa total: €826. Kien hemm qbil unanimu li tiġi approvata din il-kwotazzjoni.

**58/05/17** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-*Planning Authority*.

**58/05/18** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Simon Muscat (Ozone) – Telephony & Wifi Services.

**58/05/19** Il-Kunsill irċieva ittra ta' ringrazzjament mingħand il-President tas-Soċjetà Filarmonika San Bartilmew.

**58/05/20** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sa. Melissa Pace – Persons with disability in your locality.

**58/05/21** Il-Kunsill irċieva stima mingħand Transient għal kiri għal ħmistax [LED PAR 363 RGB, FloodPix 363 – WarmWhite + cables] total: €214.76 għal produzzjoni li ser issir mill-Għaqda Teatrali Dwal Ġodda flimkien mal-Kunsill Lokali tal-Għargħur. Kien hemm qbil unanimu li tiġi approvata din l-istima.

**58/05/22** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Awtorità tal-Artijiet fejn infurmawna li b'deċizjoni tal-Bord tal-Gvernaturi meħuda fid-9 t'Ottubru, 2018 it-talba tagħna għal devoluzzjoni tal-fond numru 27 fi Triq San Bartilmew ma ġietx milqugħa. Iżda minflok ħa tinħareġ sejħa, għal b'kirja għal 15-il sena mhux revedibbli. Il-Kunsill ma qabilx ma deċiżjoni tal-Bord tal-Gvernaturi u għaldaqstant ħa ngħidu l-Avukat sabiex jappella.

**58/05/23** Fuq talba ta' resident għal mera, għal ħruġ minn drive-in fi Triq Santa Katerina. Il-Kunsill qabel li ssir imma spejjeż għalih peress li għal użu personali.

**58/05/24** Fuq it-talba ta' resident biex jimtlew il-ħofor li hemm fi Sqaq fi Triq il-Ġnien. Kien hemm qbil unanimu li ssir bil-konkos.

**58/05/25** Talba biex titwaħħal tabella biex ma jarmux żibel viċin il-ground tal-football. Kien hemm qbil li ssir.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**58/05/26** Fuq it-talba tal-Kappillan biex isir biċċa *double yellow line* faċċata tal-bieb tad-dar tiegħu fi Triq Ferdinand għax kull darba li jkun hemm karozza pparkjatha qed jgħaddu minn fuq il-kaptell u jkissruh. Is-Sindku qal li sar kaptell tal-ħadid u għaldaqstant mhux ħa jsir *double yellow line* għalissa.

**58/05/27** Fuq it-talba biex teħel hump oħra aktar 'il ġewwa fi Triq Għaxqet l-Għajn kif ukoll sabiex jeħlu xi bozoz fl-istess triq. Il-Kunsill innota li saret hump ġdida imma ma laqax it-talba li jeħlu iktar bozoz.

**58/05/28** Fuq it-talba ta' residenta biex it-triq tal-barrieri li tagħti għal Wied Anġlu tingħata t-tarmac. Il-Kunsill innota li din it-triq taqa' taħt il-lokalità tan-Naxxar.

**58/05/29** Fuq it-talba ta' residenta biex il-karozzi tal-linja tan-numru 46 jitilgħu iktar spiss minn dak li qegħdin issa. Il-Kunsill għamilha ċara li servizz ta' Trasport Pubbliku ma jaqax taħtna.

**58/05/30** Talba biex teħel tabella ġdida No heavy vehicles / No trucks fi Sqaq Rużarju. Kien hemm qbil li ssir.

**58/05/31** Fuq it-talba ta' residenta biex il-*bus-bay* li hemm fi Triq il-Wieħed u Tletin ta' Marzu titla' ftit 'il fuq, forsi fejn hemm il-bougainvillea. Dan għax qeda tkun ta' tbatija għal anzjani biex jitilgħu t-telgħa. Aktar qabel ġie deċiż li nitolbu laqgħa urġenti ma' Transport Malta.

**58/05/32** Fuq it-talba ta' resident biex issir bankina ħdejn it-Torri tas-Semaforu fi Triq San Ġwann. Il-Kunsill innota li ħa ssir fil-ġranet li ġejjin.

**58/05/33** Rigward ilment li daħal minn resident biex ma jgħaddux coaches minn Triq l-Oratorju. Dawn jitilgħu filgħodu u wara nofsinhar minħabba t-tfal tal-iskola. Hu talab li l-coaches jgħaddu minn Triq Caravaggio għal Triq il-Wieħed u Tletin ta' Marzu. Ġie deċiż li s-Segretarju Eżekuttiv tinforma lil Kap tal-iskola biex dawn ma jibqgħux jgħaddu minn Triq l-Oratorju.

**58/05/34** Fuq it-talba ta' residenta għal bankina jew linja safra ħdejn Żernieq fi Sqaq Ħofra. Kien hemm qbil li jsir double yellow line peress li ma hemmx bankina.

**58/05/35** Fuq it-talba biex issir gradilja fuq il-kanal li hemm fi Triq il-Ġnien. Il-Kunsill innota li dan is-suġġeriment kien tressaq fil-passat u ma kienx ġie approvat għax hemm ħafna spejjeż.

**58/05/36** Talba biex il-Kunsill jagħmel kanal fejn joqgħod l-ilma fi Triq Għaxqet l-Għajn għax hemm għadira kbira ħdejn il-gallerija. Ġie deċiż li dan ix-xogħol isir mill-ħaddiema tagħna.

**58/05/37** Fuq talba ta' residenta għal mera fi Sqaq San Ġorġ. Il-Kunsill qabel li ma hemmx fejn issir.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**58/05/38** Is-Sur Christopher Fenech issuġġerixxa li ssir librerija miftuħa fi Ġnien il-Paċi fil-biċċa ta' fuq peress li hija iktar kwieta. Din il-librerija tiswa €750 (VAT mhux inkluż). Il-Kunsill qabel unanimament.

**58/05/39** Is-Sur Fenech talab li ssir bozza ġdida fi Ġnien il-Paċi fi tieni livell fuq in-naħa tal-iskola. Il-Kunsill qabel unanimament.

**58/05/40** Is-Sur Fenech issuġġerixxa li l-istrixxi ta*z-zebra crossing* fi toroq prinċipali jsiru ħomor u bojod flok suwed u bojod biex jiġbdu aktar l-attenzjoni tas-sewwieqa. Il-Kunsill qabel unanimament.

**58/05/41** Is-Sur Fenech talab li *central strips* ta' Triq San Ġwann k/m Triq San Bartilmew u Triq San Ġwann k/m Triq Stiefnu Zerafa jiġu miżbugħa ħomor u jsiru *cat eyes* mad-dawra. Il-Kunsill qabel unanimament.

**58/05/42** Is-Sur Fenech issuġġerixxa li jinbidlu uħud mit-tabelli ta' Triq Stiefnu Zerafa, Triq San Bartilmew, Triq San Ġwann u Sqaq iċ-Ċawl peress li spiċċaw. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa tmur *site-visit* mal-Kunsillier qabel ma jiġu ordnati. Kien hemm qbil unanimu li jsiru.

**58/05/43** Is-Sur Fenech qal li xi residenti talbu sabiex parti mill-isqaq ta' ħdejn il-ground tal-football isir bil-konkos. Il-Kunsill qabel unanimament.

**58/06 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati**

**58/06/01** Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**58/07 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**58/07/01** Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti kollha.

**58/08 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**58/08/01** Il-laqgħa spiċċat fit-08:15p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta, 20 ta' Novembru 2018 fis-6:30pm.

*(firmati)* *(firmati)*

**Ġiljan Aquilina**
**Sindku**

**Maria Tanti**
**Segretarju Eżekuttiv**